**21 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Emanuel Ellul

*versus*

Agnes Gera de Petri *et*

## Ċitazzjoni - Rekwiżiti

*L-artikolu 156(1) (a) tal-Kap. 12 jimponi l-obbligu fuq l-attur li meta jifformula ċ-ċitazzjoni jassigura li din ikun fiha "tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba".*

*Jidher li f'dal każ iċ-ċitazzjoni ta' l-attur tissodisfa l-vot tal-liġi billi l-oġġett u r-raġuni tat-talba huma mfissrin b'mod ċar u sewwa. It-talba ta' l-attur hija mmirata għall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' nullita'. Ma jistax jingħad li d-domandi m'humiex imfissra b'mod ċar u sewwa. Hekk ukoll ir-raġuni ta' dawk it-talbiet hija espressa*

*mingħajr konfużjoni ta' xejn.*

*Huwa veru li l-attur naqas li jforni dettalji ta' f'hiex tikkonsisti preċiżament l-informazzjoni erroneja u qarrieqa allegatament supplita mill-konvenuta, pero' dan in-nuqqas ma jinċidi bla ebda mod fuq ir-rekwiżit tal-kjarezza u tas-sewwa li jissemmew fl-artikolu 156(1)(a).*

Il-Qorti:-

Fil-25 ta' Marzu, 1993 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza:

"Il-Qorti:-

*Rat* l-att *taċ-ċitazzjoni ppreżentat fit-2 ta' Frar, 1993* li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Premess illi l-istanti flimkien ma' martu u bintu jgħix fil-fond 46/7 Triq San. Kristoforu, Valletta, liema flat kien ġie allokat lilu fl-10 ta' Lulju, 1975, wara li kienet ħarġet *Requisition Order* bin-numru 27650;

Premess illi fis-17 ta' Jannar, 1991, il-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri ottjeniet mingħand il-kovenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ċertifikat ta' Dekontroll fuq il-block ta' flats kollha li hemm 46, Triq San Kristoforu, Valletta u, bħala riżultat id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali irtira l-imsemmija *Requistion Order*, u issa bis-saħħa ta' l-Avviż numru 827/91 NC il-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri qed titlob l-iżgumbrament ta' l-istanti u l-familja tiegħu mill-imsemmi fond 46/7 Triq San Kristoforu, Valletta;

Premess illi d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali qed jinsisti li l-imsemmi Dekontroll ġie ottenut fuq informazzjoni erroneja u qarrieqa u qed isostni li hu ġie kostrett jirtira r-*Requisition Order* relattiv minħabba tali ċirkostanzi;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li d-Dekontroll tas-17 ta' Jannar, 1991 relattiv għall-block flats 46, Triq San Kristoforu, Valletta, u speċifikatament għall-flat numru sebgħa (7) fl-istess block ġie maħruġ wara li l-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri jew rappreżentant tagħha taw informazzjoni erroneja u qarrieqa;

2. Tiddikjara li tali Dekontroll hu null u bla effett;

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar il-flat 7 fil-block ta' flats bin-numru 46 Triq San Kristoforu, Valletta mil-lista ta' fondi li huma dekontrollati;

4. Tiddikjara d-*Requisition Order* maħruġ mid-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali fir-rigward ta' dak li ġara bħala intempestiv, u għaldaqstant null u bla effett;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom liema konvenuti jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonjiet ta' Markiża Agnes Gera de Petri ppreżentata fis-17 ta' Frar, 1993 li biha eċċepiet:

Fl-ewwel lok in-nullita` taċ-ċitazzjoni stante li ma hemmx spjegat b'mod ċar u inekwivoku l-informazzjoni erroneja, qarrieqa u falza li hija suppost tat lill-Awtoritajiet Governattivi, u tali fatt jarreka preġudizzju serju fid-difiża tagħha għax jagħmilha impossibbli għaliha li tkun taf bl-esatezza dak li ġie allegat fil-konfront tagħha;

In linea preliminari wkoll in-nullita` taċ-ċitazzjoni stante li ma ġietx preċeduta bi dritt uffiċjali kontra l-konvenuti l-oħra, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali;

In linea preliminari wkoll in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti li tissindika l-aġir tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ħlief bil-mod u mezzi previsti fl-Ordinanza tad-Dekontroll;

Fl-aħħarnett u fil-meritu li hija bl-ebda mod ma tat informazzjoni erroneja, qarrieqa u falza la lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lanqas lid-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u għalhekk it-talbiet ta' l-attur kontra tagħha għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali ppreżentata fis-17 ta' Frar, 1993 li biha eċċepixa:

1. Il-*lis alibi pendens* stante kawża oħra pendenti fuq l-istess meritu (Ċitazz. Nru. 62/93 AD appuntata 16/4);

2. Illi huwa jaqbel mal-veraċita` tal-fatti kif esposti mill-attur;

3. Illi huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-26 ta' Far, 1993 li biha eċċepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas fiċ-Ċitazzjoni stante li l-esponent fil-kwalita' tiegħu premesa mhux l-uffiċjal inkarigat mir-reġistrazzjoni tad-dokument in kwistjoni u għalhekk mhux leġittimu kontradditur f'din il-kawża;

2. Subordinatament l-eċċezzjoni tal-*Lis Alibi Pendens* minħabba li fuq l-istess oġġett tressqet kawża oħra fl-ismijiet *Carmel Tabone versus Agnes Gera de Petri et*, Ċitazzjoni Nru. 62/93, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta mill-Onorevoli Mħallef Anton Depasquale, u li tinsab differita għas-16 ta' April, 1993;

3. Fil-meritu illi huwa aġixxa konformement mal-liġi in materja u partikolarment ma' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap.158);

4. Fi kwalunkwe każ l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi, partikolarment dwar in-natura ta' l-informazzjoni allegatament erroneja u qarrieqa, mogħtija mill-konvenuta Agnes Gera de Petri;

5. Illi jekk jirriżulta li ngħatat informazzjoni allegatament erroneja u qarrieqa, l-esponent la kien parteċipi biex din l-informazzjoni hekk tingħata, u wisq anqas strumentali biex ir-rilaxx taċ-Ċertifikat ta' Dekontroll tas-17 ta' Jannar, 1991, ikun affettat kif allegat;

6. Illi l-Kap. 158 - artikoli 6 u 8 - jipprospetta kemm ir-rimedju kif ukoll is-sanzjoni f'każ li Ċertifikat ta' Dekontroll ma jinħariġx skond il-liġi, u/jew f'każ li jinħareġ affettat minn tagħrif li jkun falz f'xi partikolarita' sostanzjali;

7. Illi huwa m'għandux ibati spejjeż;

8. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat illi l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Gera de Petri kif kontenuta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni relattiva għal din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din l-eċċezzjoni hi bbażata fuq il-punti ssollevati mill-eċċipjenti fis-sens illi ċ-ċitazzjoni attriċi ma tispjegax b'mod ċar x'inhi l-informazzjoni qarrieqa li l-eċċipjenti tat lill-awtoritajiet kompetenti u għalhekk l-eċċipjenti ma tistax tiddefendi ruħha sew;

Illi ġie spjegat lill-Qorti mill-abbli difensur ta' l-attur illi ċ-ċitazzjoni saret billli l-attur sar jaf illi kienet saret istanza ġudizzjarja kontra l-konvenuta Gera de Petri mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali biex jiġi ddikjarat illi d-dekontroll numru 27628/91 kien ġie rreġistrat fuq informazzjoni falza u biex il-Qorti konsegwentement tiddikjara tali dekontroll null;

Effettivament din il-Qorti talbet illi tiġi mogħtija aktar informazzjoni dwar din il-kawża u l-konvenuta esibiet kopja ta'

din is-sentenza;

L-attur fil-kawża preżenti jsostni illi huwa ma huwiex f'pożizzjoni li jkun jaf preċiżament x'kienet il-falsita' allegata mill-attur fil-kawża li kopja tas-sentenza fiha ġiet esibita. Huwa jgħid pero` li għandu interess jipproteġi l-posizzjoni tiegħu u għalhekk għamel il-kawża odjerna;

Din il-Qorti kkunsidrat:

Illi skond il-liġi u senjatament l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12, iċ-ċitazzjoni għandha tikkontjeni "tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Issa, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ma huwiex biżżejjed illi l-attur jakkampa pretensjoni li tallega aġir preċiż u skorrett da parti tal-konvenuta meta l-uniku indizzju li għandu dwar dan hu allegazzjoni ta' ħaddieħor;

Ma hemmx dubbju li l-attur, kif jgħid fi tmiem id-dikjarazzjoni tiegħu, għandu interess jimpunja d-dekontroll. U fid-dikjarazzjoni tiegħu l-attur qagħad attent ħafna biex jgħid illi kien id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali li kien qiegħed jallega illi d-dekontroll ġie ottenut fuq informazzjoni erroneja u qarrieqa;

Huwa veru illi l-kawża 1289/91 AJM tirrigwarda flat ieħor fl-istess blokk li fiha joqgħod l-attur, u li kien apparentement il-blokk kollu li ġie ddekontrollat. F'dan is-sens l-attur għandu interess li jżomm għajnejh fuq l-istess kawża, billi d-deċiżjoni dwar id-dekontroll ser taffettwa lilu wkoll;

Iżda ma jintitolahx li, mingħajr informazzjoni preċiża, joqgħod fuq allegazzjoni ta' ħaddieħor u jittenta kawża li fiha l-ewwel talba tkun preċiżament biex il-Qorti tiddikjara li d-dekontroll ġie ottenut "wara li l-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri jew rappreżentant tagħha taw informazzjoni erroneja jew qarrieqa";

Kif ser jipprova din l-allegazzjoni? Huwa għandu jistenna sakemm ikollu l-informazzjoni preċiża, imbagħad jekk jidhirlu li għandu każ li jista' jippruvah, jipproċedi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Gera de Petri u tiddikjara illi ċ-ċitazzjoni ta' l-attur hija nulla billi ma tikkonformax mal-liġi;

Spejjeż għall-attur";

L-attur ħassu aggravat b'din is-sentenza u bl-appell tiegħu qiegħed jitlob li dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza imsemmija, biex b'hekk il-kawża tkun tista' titkompla u tiġi deċiża fuq il-meritu bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri;

Il-konvenuta appellata rrispondiet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk talbet li l-appell jiġi miċħud bl-ispejjeż;

L-appellat, id-Direttur tar-Reġistru Pubblika rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti, waqt li l-konvenut Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali ma ressaq ebda risposta f'dana l-appell;

Ma jidhirx ikkontestat bejn il-kontendenti li:

(i) L-attur jgħix fil-flat numru sebgħa (7) fi block ta' flats 46 Triq San Kristoforu, Valletta, u dan flimkien ma' martu u bintu ta' sittax-il sena;

(ii) Dan il-flat kien ġa' allokat lill-attur mill-*Housing Department* fl-10 ta' Lulju, 1975 wara li kienet ħarġet *Requisition Order* bin-numru 27650;

(iii) Fis-17 ta' Jannar, 1991 il-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri ottjeniet mingħand il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ċertifikat ta' Dekontroll fuq il-block ta' flats kollha;

(iv) Bħala riżultat ta' dan id-dekontroll, l-appellat, id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali irtira l-imsemmija *Requisition Order*;

(v) B'Avviż numru 827/91 NC ippreżentata fil-Qrati tal-Maġistrati fit-22 ta' Lulju, 1991, il-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri talbet l-iżgumbrament mill-fond in kwistjoni ta' l-appellant u l-familja tiegħu;

(vi) Fil-5 ta' Diċembru, 1991 id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali intavola kawża kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kontra l-Markiża Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici (Ċitazz. 1289/91 AJM) għall-impunjazzjoni taċ-ċertifikat tad-dekontroll numru 27628/91 iddatat 17 ta' Jannar, 1991 rigwardanti l-post 46/4 Triq San Kristoforu, Valletta, fuq il-kawżali li l-imsemmija konvenuta "tat lil-attur tagħrif sostanzjalment falz u erroneju". Din il-kawża ġiet deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar, 1993 fejn ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, fis-sens li kien hemm konfużjoni fil-pesonalita' ta' l-attur u tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku

u b'hekk iċ-ċitazzjoni ġiet iddikjarata irrita u nulla;

(vii) Fit-2 ta' Frar, 1993 l-appellant Ellul intavola l-odjerna kawża sabiex jimpunja d-dekontroll in kwistjoni;

(viii) Fl-14 ta' April, 1993 id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali flimkien mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intavolaw kawża kontra l-Markiża Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici (Ċitazz. Nru. 415/93 GMA) għall-istess skop u fuq l-istess kawżali taċ-Ċitażż. Nru. 1289/91. L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet din il-kawża fil-21 ta' April, 1994, billi, wara li ddikjarat fil-meritu li t-talbiet ta' l-attur ma jistgħux ireġġu fil-konfront tal-konvenuta, ċaħdet it-talba ta' l-attur, Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali;

Illi fil-każ odjern, is-sentenza appellata ngħatat fil-25 ta' Marzu, 1993. Biha, l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Markiża Agnes Gera de Petri u ddikjarat iċ-ċitazzjoni odjerna nulla billi ma tikkonformax ma' dak li hemm maħsub fl-artikolu 156 tal-Kap. 12;

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ddeċidiet li huwa kien aġixxa intempestivament, billi intavola l-odjerna kawża qabel ma kellu fil-pussess tiegħu informazzjoni preċiża dwar x'eżattament kienet l-allegata informazzjoni erroneja jew qarrieqa li a bażi tagħha ġie ottenut id-dekontroll in kwistjoni. L-appellant ikkritika s-sentenza appellata fejn intqal li:

"Huwa għandu jistenna sakemm ikollu l-informazzjoni preċiża, imbagħad jekk jidhirlu li għandu każ li jista' jipprevali, jipproċedi";

L-appellant isaqsi x'kienet tkun il-posizzjoni ta' l-esponent kieku kellu jonqos li jieħu inizjattiva u jsib ruħu żgumbrat? X'kienet *tkun tiswa li jottjeni l-informazzjoni wara li jkun żgumbrat?*

L-appellant jikkonċedi li huwa ma kellux informazzjoni preċiża dwar il-mod li bih il-konvenuta ottejeniet id-dekontroll. Huwa jispjega li sab ruħu f'sitwazzjoni fejn l-ebda Dipartiment tal-Gvern ikkonċernat ma kien lest jagħti informazzjoni dettaljata, u għalhekk kellu jistrieħ fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali fil-kawża li ġiet deċiża fit-13 ta' Jannar, 1993. L-appellant isostni li dik id-dikjarazzjoni ġuramentata ma tistax sempliċement tissejjaħ "allegazzjoni ta' ħaddieħor", u l-fatt li l-istess Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali kemm fin-nota *ta' eċċezzjonijiet tiegħu u kemm fid-dikjarazzjoni ġuramentata* tiegħu fil-kawża odjerna ikkonferma li "hu jaqbel mal-veraċita' tal-fatti kif esposti mill-attur";

Kwantu għall-allegazzjoni tal-konvenuta apellata li hija ma hijiex f'posizzjoni li tiddefendi ruħha sewwa minħabba li fiċ-ċitazzjoni ma hemmx spjega ċara u inekwivoka ta' l-allegata informazzjoni erroneja u qarrieqa li ngħatat lill-awtoritajiet, l-appellant jirribatti hekk:

"Illi mhux verosimili li l-konvenuta ma tistax tiddefendi ruħha sew għaliex ma tafx b'mod spjegat x'kienet l-informazzjoni li tat biex ottjeniet id-dekontroll relattiv. Dan apparti, l-istess konvenuta rriservat id-dritt ta' eċċezzjonijiet oħra (kif hu normali), u kellha l-jedd li tressaq tali eċċezzjonijiet wara li l-esponent iressaq il-provi neċessarji permezz taż-żewġ Dipartimenti tal-Gvern konċernati. Fil-prattika jsiru għadd kbir ta' ċitazzjonijiet li ma jidħlux fid-dettalji kollha imma jimxu fuq il-premess li kollox jiġi spjegat aħjar waqt

it-trattazzjoni tal-kawża";

Il-konvenuta appellata irrispondiet li:

"Rinfaċċjata b'allegazzjoni li hija qarrqet jew għamlet dikjarazzjonijiet foloz, għandha dritt tkun taf f'hix jikkonsisti dak il-qerq u liema dikjarazzjoni minnha magħmula hija falza biex hija tkun tista' tagħmel difiża adegwata għal dak li qiegħed jiġi allegat kontra tagħha. Huwa preċiżament fl-inabilita` tagħha li tirrispondi għall-allegazzjoni magħmula kontra tagħha billi ma hemm bl-ebda mod spjegat f'hiex dik l-allegazzjoni tikkonsisti u li tinsab biss espressa fi kliem ġeneriċi li jġib il-preġudizzju soffert mill-konvenuta fid-difiża tagħha u l-konsegwenti nullita' taċ-ċitazzjoni. Ma hux leċitu li l-attur jippretendi li hu ma hux obbligat jispjega f'hiex jikkonsisti l-qerq minnu allegat għax strieħ fuq dak li qal ħaddieħor. Ladarba huwa għażel li jipproċedi ġudizzjarjament irid ikun ippreparat jissustanzja u jiċċirkostanzja l-allegazzjoni tiegħu, anke biex il-konvenuta tkun f'posizzjoni li tirrispondi skond il-liġi";

Illi l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 jimponi l-obbligu fuq l-attur li meta jifformula ċ-ċitazzjoni jassigura li din ikun fiha:

"Tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Illi l-artikolu 789 ta' l-istess Kodiċi jindika l-każijiet meta l-eċċezzjoni ta' nullita` ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata fosthom jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament (artikolu 789(1)(ċ)), jew jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita` kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li

titlob in-nullita`, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat (artikolu 789(1)(ċ));

Din il-Qorti (kif ippresjeduta, iżda diversament komposta), fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Novembru, 1991 fil-kawża fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE *vs* Dr. Emanuel Cefai LL.D.** (Kollez. Vol. LXXV-II-467), wara li rriferiet għall-imsemmija disposizzjoni, irrimarkat hekk:

"Dan juri illi n-nullita` ta' l-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi ttollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali";

F'din is-sentenza hemm riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Sciortino *vs* Micallef** tal-5 ta' Ġunju, 1959 fejn il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Kollez. Vol. XLIII-II-748) qalet hekk:

"L-artikolu 155(1) Proċedura Ċivili .... irċieva fil-ġurisprudenza tagħna interpretazzjoni larga, fis-sens li ma ġiex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem ta' l-imsemmija disposizzjoni u ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha tiġi fformulata ċ-ċitazzjoni, biżżejjed jiftiehem x'ikun qed jitlob l-attur, b'mod illi l-kawżali tista' tkun espressa anke lakonikament, tista' tkun indotta mid-domanda, u saħansitra, jekk ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni, biżżejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva" (Kollez. Vol. XXIX-I-431, XXXII-I-228, XXXIV-II-502);

Illi fid-dawl ta' dak li ntqal sa issa, jidher li ċ-ċitazzjoni ta' l-attur tissodisfa l-vot tal-liġi billi l-oġġett u r-raġuni tat-talba huma

mfissrin b'mod ċar u sewwa. It-talba ta' l-attur hija mmirata għall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' nullita', kemm tad-dekontroll u kemm ukoll tad-*derequisition order*, meritu tal-kawża. Ma jistax jingħad li d-domandi m'humiex imfissra b'mod ċar u sewwa. Hekk ukoll ir-raġuni ta' dawk it-talbiet hija espressa mingħajr konfużjoni ta' xejn. Il-pretensjoni ta' l-attur hija bbażata kompletament fuq l-allegazzjoni tiegħu li d-dekontroll in kwistjoni ġie ottenut wara li l-konvenuta appellata jew rappreżentant tagħha taw informazzjoni erroneja jew qarrieqa lill-awtoritajiet;

Illi huwa veru li l-attur naqas li jforni dettalji ta' f'hiex tikkonsisti preċiżament din l-informazzjoni erroneja u qarrieqa allegatament supplita mill-konvenuta. Pero' dan in-nuqqas ma jinċidi bla ebda mod fuq ir-rekwiżit tal-kjarezza u tas-sewwa li jissemmew fl-artikolu 156(1)(a). In-nuqqas lamentat mill-appellata huwa sempliċi nuqqas ta' dettalji li, għalkemm importantissimi f'din il-kawża, bl-ebda mod ma jirrendu ċ-ċitazzjoni konfuża jew ħażina u għalhekk nulla;

Illi ma hemm l-ebda dubbju li l-konvenuta appellata għandha dritt li tkun taf f'hiex tikkonsisti preċiżament l-informazzjoni allegatament erroneja u qarrieqa li tat in konnessjoni mad-dekontroll sabiex tkun tista' tiddefendi ruħha adegwatament. Verament, hija diġa' għamlet il-posizzjoni tagħha ċara f'dan ir-rigward, għaliex fl-aħħar eċċezzjoni tagħha espressament tgħid:

"li hija bl-ebda mod ma tat informazzjoni erroneja, qarrieqa u falza la lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lanqas lid-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali";

Illi din il-Qorti ma taħsibx li n-nuqqas imsemmi ta' l-appellant

jista' jippreġudika b'xi mod id-difiża tal-konvenuta appellata, għaliex l-allegazzjoni ġenerika li huwa għamel f'dana l-istadju kontra tagħha diġa' tinsab debitament ikkontestata u rribattuta. Fil-każ li l-appellant jirnexxielu jispeċifika dettaljatament din l-allegazzjoni fi stadju ulterjuri tal-kawża, s'intendi l-appellata għandha tingħata l-opportunita' xierqa li tressaq id-difiża tagħha f'dak l-istadju. Il-Qorti ma tistax ma tapprezzax li l-qagħda ta' l-*appellant f'din il-kawża hija xi ftit prekarja* billi sabiex jissostanzja l-allegazzjoni bażilari tiegħu f'din il-kawża, huwa jiddependi, kważi kompletament, fuq id-dokumenti u fuq ix-xhieda ta' l-uffiċċjali taż-żewġ dipartimenti governattivi li huma wkoll imħarrka f'din il-kawża bħala konvenuti. Tabilħaqq, l-appellat Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali diġa' stqarr li huwa jaqbel mal-veraċita' tal-fatti kif esposti mill-attur, waqt li l-konvenut l-ieħor ġa' ddikjara li jirrimetti ruħu għall-provi partikolarment dwar in-natura ta' l-informazzjoni msemmija allegatament erroneja u qarrieqa;

Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tikkondividi, bir-rispett kollu, is-sanzjoni radikali u definittiva tan-nullita' taċ-ċitazzjoni rravviżata u ddikjarata fis-sentenza appellata ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti jidhrilha, invece, li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta appellata kellha tiġi, kif issa qiegħda tiġi, miċħuda;

Għall-dawn il-motivi:

L-appell huwa milqugħ, is-sentenza appellata hija rrevokata u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-Qorti ta' l-ewwel grad biex il-kawża tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn

il-kontendenti.